

Brussell, 4 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14768/24
PV CONS 54
AGRI 758
PECHE 415

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
21 u 22 ta' Ottubru 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 14270/24 biż-żieda, fuq it-talba tas-Slovakkja, ta' punt taħt "Affarijiet oħra" (**punt ġdid 7 (j)**). Il-Kunsill qabel ukoll li jitratta dak il-punt addizzjonali f'sessjoni pubblika skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) **Lista mhux leġislattiva** 14561/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Addendum.

(b) **Lista leġislattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 14587/24

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. Emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2025 [S] 14265/24 + COR 1
FIN
Nonapprovazzjoni tal-emenda/i tal-Parlament Ewropew
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-16.10.2024

Il-Kunsill ikkonferma li ma jistax japprova l-emendi kollha għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2025 jekk jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u approva l-abbozz ta' ittra lill-Parlament Ewropew għal dak il-għan, kif jinsab fl-Anness tad-dokument ta' hawn fuq.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

SAJD

3. **Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 applikabbli fil-Baħar Baltiku** (*) 13902/24
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43(3) TFUE) 12844/24 + COR 1
Qbil politiku + ADD 1
+ ADD 1 COR 1

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2025.

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

4. Laqgħa annwali tal-ICCAT 13800/24
(Limassol, Ċipru, 11-18 ta' Novembru 2024)
Skambju ta' fehmiet

AGRIKOLTURA

5. Konklużjonijiet dwar Politika Agrikola Komuni ffukata fuq il- 14470/24
bdiewa għal wara l-2027
Approvazzjoni
6. **L-isfidi li qed tiffaċċa l-katina alimentari tal-UE**  14272/24
Informazzjoni mill-Presidenza
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-isfidi li qed tiffaċċa l-katina alimentari tal-UE. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta minn Franza u Spanja dwar il-ħtieġa għal koordinazzjoni Ewropea għat-tilqim għas-saħħa tal-annimali, u tal-interventi mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

Affarijiet oħra

Sajd

7. a) **Il-ħtieġa ta' regoli riveduti li jippermettu l-kaċċa bbażata fuq l-ekosistema tal-marguni u l-foki sabiex jiġu protetti l-istokkijiet tal-ħut sensittivi**  14552/24
Informazzjoni mill-Iżvezja, appoġġata mill-Estonja, il-Finlandja u l-Latvja.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja dwar il-ħtieġa ta' regoli riveduti li jippermettu l-kaċċa bbażata fuq l-ekosistema tal-marguni u l-foki sabiex jiġu protetti l-istokkijiet tal-ħut sensittivi. Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

Agrikoltura

- b) **Koordinazzjoni Ewropea għat-Tilqim għas-Saħħa tal-Annimali**  14592/24
Informazzjoni minn Franza u Spanja

Il-punt 7 (b) ġie indirizzat flimkien mal-punt 6.

- c) **Eżitu tal-konferenza "Ħela tal-ikel - 2024-2030" dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel (Budapest, 1 ta' Ottubru 2024)**  14594/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-eżitu tal-konferenza "Ħela tal-ikel - 2024-2030" dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, u tal-interventi mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- d) **Eżitu tal-laqgħa tad-Diretturi tal-PAK (Budapest, 10-12 ta' Settembru 2024)**  14580/1/24 REV 1
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-eżitu tal-laqgħa tad-diretturi tal-PAK (Budapest, 10-12 ta' Settembru 2024) u tal-konferenza tad-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti tal-UE (Budapest, 16-18 ta' Ottubru 2024) u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

- e) **Eżitu tal-Konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti tal-UE (Budapest, 16-18 ta' Ottubru 2024)**  14591/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-punt 7 (e) ġie indirizzat flimkien mal-punt 7 (d).

- f) **Riżultati tal-laqgħa tal-Ministri għall-Agricoltura tal-Grupp ta' Visegrad (iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja), il-Bulgarija u r-Rumanija (GV4+2) (Poznań, 25-26 ta' Settembru 2024)**  14431/24
Informazzjoni mill-Polonja, f'isem il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja dwar l-eżitu tal-laqgħa tal-Grupp ta' Visegrad u l-Bulgarija u r-Rumanija, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

- g) **Ir-rispons tal-UE għall-konsegwenzi ta' avvenimenti klimatiċi estremi: il-finanzjament ta' miżuri ta' kriżi fl-Unjoni Ewropea**  14439/24
Informazzjoni mill-Portugall, appoġġata mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Greċja u l-Italja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall dwar ir-rispons tal-UE għall-konsegwenzi ta' avvenimenti klimatiċi estremi. Ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

- h) **Konferenza PeaceBread (il-Ġermanja, 30 ta' Settembru – 2 ta' Ottubru 2024)**  14473/24
Informazzjoni mill-Ġermanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Ġermanja dwar il-Konferenza PeaceBread. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

- i) **Il-ħtieġa li tiġi estiża l-applikazzjoni tal-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni fis-settur agrikolu u li jiżdied il-limitu individwali għal kull intrapriża agrikola**  14464/1/24 REV 1
Informazzjoni mir-Rumanija, appoġġata mill-Bulgarija u s-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mir-Rumanija dwar għajnuna mill-istat. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

LAQGĦA TAT-TLIETA 22 TA' OTTUBRU 2024

Attivitajiet mhux leġislattivi

SAJD

3. **(kontinwazzjoni)** Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 applikabbli fil-Baħar Baltiku ☐(*) 13902/24
12844/24 + COR 1
+ ADD 1
+ ADD 1 COR 1
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

Ara l-paġna 3.

AGRIKOLTURA

5. **(kontinwazzjoni)** Konklużjonijiet dwar Politika Agrikola Komuni ffukata fuq il-bdiewa għal wara l-2027 14470/24
Approvazzjoni
8. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ 14322/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

Agrikoltura

7. j) **Punt ġdid: Il-ħtieġa li jiġi indirizzat ir-riskju imminenti ta' diżimpenn għall-programmi għall-iżvilupp rurali** ☐2 14709/24

Informazzjoni mis-Slovakkja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja dwar id-diżimpenn ta' fondi. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

☐2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

☐ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

Dikjarazzjoni għall-punti "B"

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 applikabbli fil-Baħar Baltiku
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, L-IŻVEZJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA U L-POLONJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent fl-2025

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B_{lim}, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2025. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, L-IŻVEZJA U L-POLONJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fl-2025

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B_{lim}, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dan l-istokk fl-2025. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, L-IŻVEZJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA U L-POLONJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fir-rigward tas-salamun fil-baċir ewlieni fl-2025

"Minħabba li fis-subdiviżjonijiet 22-29S tal-ICES kważi l-istokkijiet kollha tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar huma ferm taħt ir-R_{lim} u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2025. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar fin-Nofsinhar tal-latitudni 59°30'N.

Minħabba l-migrazzjoni limitata tas-salamun fix-xmajjar ewlenin tas-salamun fil-Golf tal-Botnja kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024, u sabiex jiġi żgurat u promoss irkupru aktar mgħaġġel tal-istokkijiet tas-salamun, il-Finlandja timpenja ruħha li ma tużax il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward tal-kwota tas-salamun fil-Baċir Ewlieni fl-2025. L-Iżvezja tieħu l-impenn li tillimita l-użu tal-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-finijiet ta' qabdiet inċidentali inevitabbli biss. Dawn l-impenji huma reazzjoni

għall-iżvilupp inkwetanti tal-istokkijiet tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar fis-subdiviżjonijiet 30-31 tal-ICES."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, L-IŻVEZJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA U L-POLONJA dwar skambji ta' kwoti tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent

"Fi spirtu ta' solidarjetà, Stat Membru li m'għandux bżonn il-kwota sħiħa tiegħu ta' qabdiet aċċessorji għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent ser jagħmel ħiltu biex jaqbel dwar skambji ta' kwoti ma' Stat Membru li jista' juri li ser iħabbat wiċċu ma' effett ta' kwoti limitanti minħabba l-kwota limitata tiegħu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-ĠERMANJA, IL-LITWANJA U L-POLONJA dwar it-trasferimenti tal-kwoti tas-salamun fil-Baċir Ewlieni

"Fi spirtu ta' solidarjetà u b'rikonoxximent tal-isforzi ta' konservazzjoni li saru mill-Finlandja u l-Iżvezja, li wasslu għal stokkijiet b'saħħithom fl-ilmijiet tagħhom, Stat Membru li ma jistax juża l-kwota kollha tiegħu għas-salamun fil-Baċir Ewlieni ser jikkunsidra trasferiment volontarju tal-parti mhux użata jew mhux utilizzabbli ta' dik il-kwota lill-Finlandja u/jew l-Iżvezja."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar il-qbil politiku milħuq mill-Kunsill

"Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-qbil politiku milħuq mill-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 fil-Baħar Baltiku. Il-Kummissjoni hija mħassba li l-elementi li ġejjin ta' dak il-ftehim huma inqas probabbli li jikkontribwixxu għall-irkupru ta' ċerti stokkijiet mill-proposta tal-Kummissjoni, u jistgħu ma jkunux konformi mal-qafas legali applikabbli, inkluż il-pjan pluriennali tal-Baltiku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li: (1) il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għall-aċċa kahlha u għall-aranga tal-Punent kellhom jiġu stabbiliti flivell li jiżgura li l-probabbiltà li l-istokkijiet jinżlu jew jibqgħu rispettivament taħt il-B_{lim} fl-2026, tkun inqas minn 5 %; u (2) jenhtiegħ li ma jkun hemm l-ebda sajd immirat, kummerċjali jew rikreattiv, tal-aranga tal-Baltiku tal-Punent u tas-salamun fil-baċir ewlieni (ħlief minn Mejju sa Awwissu fl-ilmijiet kostali tas-subdiviżjonijiet 29 Tramuntana sa 31) li l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar jirrakkomanda li jitwaqqaf is-sajd kollu tagħhom."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, IL-ĠERMANJA U N-NETHERLANDS dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-merluzz tan-Norveġja fil-Baħar tat-Tramuntana fl-istaġun tas-sajd tal-2025

"Minħabba li l-ICES jipprevedi li l-bijomassa tal-merluzz tan-Norveġja fil-Baħar tat-Tramuntana (NOP/2A3A4.) tista' tonqos taħt il-B_{lim} anke b'qabdiet żero u minħabba li l-ICES ma jagħmel l-ebda qbid għall-istaġun tas-sajd tal-2025 (mill-1 ta' Novembru 2024 sal-31 ta' Ottubru 2025), u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk, id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands jimpenjaw ruħhom li ma jagħmlux użu mill-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dak l-istokk fl-istaġun tas-sajd tal-2025. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dak l-istokk."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U L-ĠERMANJA dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd mill-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)

1. "Skont l-Artikolu 5(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, il-miżuri ta' rimedju għall-fini tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jistgħu jinkludu miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.
2. Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-bakkaljaw u l-aringa fis-subdiviżjonijiet 22-24, il-Ġermanja għaldaqstant tqis li huwa neċessarju li tadotta miżuri ta' emerġenza skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza fis-subdiviżjonijiet 22-24 għall-bastimenti tas-sajd Ġermaniżi jikkonsistu fl-introduzzjoni ta' għeluq ta' 30 jum għall-protezzjoni tal-bakkaljaw flimkien mal-għeluq riproduttiv tal-bakkaljaw stabbilit bl-Artikolu 7(3) tar-Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku li matulhom l-eżenzjoni fl-Artikolu 7(4)(b) ma għandhiex tapplika, u li jillimitaw is-sajd għall-aringa bi 30 jum addizzjonali li matulhom tiġi interrotta l-eżenzjoni għal ċertu sajd kostali fuq skala żgħira mill-projbizzjoni li jiġu mmirati l-aringi tal-Punent, u jillimitaw bi 30 jum addizzjonali wkoll sajd b'qabdiet aċċessorji tal-aringa.
3. Il-Kummissjoni u l-Ġermanja jaqblu li din il-miżura ta' emerġenza hija eliġibbli għall-finanzjament mir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 dment li tkun f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(c) ta' dak ir-Regolament."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI, L-IŻVEZJA U L-LATVJA dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd mill-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

1. "Skont l-Artikolu 5(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, il-miżuri ta' rimedju għall-fini tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jistgħu jinkludu miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, taħt ċerti kundizzjonijiet.
2. Minħabba l-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-laċċa kaħla fir-rigward tar-rata baxxa ta' reklutaġġ tal-istokkijiet tas-sena li għaddiet u r-riskji għoljin għal tnaqqis ulterjuri tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv attwali u d-daqs ġenerali tal-istokk, huwa jqis li skont l-Artikolu 13(I) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa xieraq li jiġu applikati, fil-livell tal-Istati Membri, miżuri ta' emerġenza fakultattivi addizzjonali (perjodu ta' għeluq ta' xahar flimkien mal-perjodu ta' għeluq tas-sajd ta' 3 xhur għall-ispeċijiet pelaġiċi ġenerali mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju lil hinn mil-limiti ta' 12-il mil adottati mir-Regolament dwar it-TAC u l-Kwoti fil-Baħar Baltiku għall-2025).

3. Il-Kummissjoni, l-Iżvezja u l-Latvja jaqblu li din il-miżura ta' emerġenza hija eliġibbli għall-finanzjament mir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 dment li tiġi introdotta f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(c) ta' dak ir-Regolament."
-